BirdLife MALTA

for nature and people

Il-Ġimgħa 22 ta' Marzu, 2019

**Onor. Prim Ministru Dr Joseph Muscat**
**Uffiċċju tal-Prim Ministru**
**Berġa ta' Kastilja**
**Il-Belt Valletta**
**VLT 1061**

Onor. Prim Ministru,

Qed niktiblek f'isem BirdLife Malta ġurnata wara l-bidu tar-rebbiegħa kif nafuha.

Nixtieq nagħmilha ċara li BirdLife Malta toġġezzjona bil-qawwa kollha li d-dati proposti għall-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa għas-Summiena (Common Quail) jinbidlu għal xi dati ġodda. Is-sena l-oħra, kontra l-parir tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi u BirdLife Malta, intgħażlu d-dati mill-1 ta' April sal-21 ta' April. U f'dan il-perjodu, bħalma jaf il-Gvern, seħħew numru kbir ta' inċidenti fejn għasafar protetti u vulnerabbli nqatlu qisu ma ġara xejn.

Apparti minn hekk, numru mdaqqas ta' kaċċaturi ma naqsux milli wkoll jisparaw u joqtlu Gamiem (Turtle Dove) li kien qed ipassi biex ibejjet. Dan meta nafu li din hi speċi vunerabbli.

Biex tgħaxxaqha issa hemm proposta biex tinfetaħ il-kaċċa għall-Gamiem quddiem il-Kumitat Ornis. Dan imur kontra kull prinċipju, kif ukoll kontra d-direzzjoni li qed tieħu l-Unjoni Ewropea fuq il-ħarsien tal-Gamiema tul is-sena kollha.

Bħala BirdLife Malta wrejna li lesti nittolleraw sitwazzjoni li ma tistax tinbidel mil-lejl għan-nhar. Iżda nibqgħu nargumentaw li l-kaċċa fir-rebbiegħa hija għalkollox inaċċettabbli.

**Hija ħasra kbira li filwaqt li dan il-pajjiż, tajjeb jew ħażin, kellu jaċċetta tibdiliet fil-kultura ferm akbar mill-kaċċa, f'dan il-każ il-Gvern baqa' marbut mal-passat minħabba biża' li jitlef il-voti.**

BirdLife INTERNATIONAL

We belong to BirdLife International, the global Partnership of nature conservation organisations.

Address 57/28, Marina Court, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, XBX 1120, Malta | Tel +356 2134764 5/6 | www.birdlifemalta.org | Reg. Vol. Org VO/0052

Imma llum, f'sena u fi żmien meta nitkellmu dwar pajjiż modern li jrid jimxi 'l quddiem b'mod speċjali fis-sostenibbiltà, ma nistgħux noqogħdu kwieti u naċċettaw aktar rigress ambjentali.

Dan huwa pajjiż fejn il-maġġoranza assoluta trid li jkun hawn ambjent naturali aħjar u mhux bil-kliem, iżda bil-fatti. Għalhekk il-Gvern ma jistax ibaxxi rasu għal min jgħajjat u jwerżaq l-aktar bħallikieku l-kultura tal-bieraħ hija aċċettabbli għall-ġranet tal-lum.

**Aħna lesti nifhmu li l-affarijiet ma jinbidlux mill-ewwel, iżda ntennu li apparti li l-infurzar tal-liġijiet għad fadallu ħafna, nopponu bil-qawwa tibdil fid-dati tal-kaċċa għas-Summien u QATT ma nistgħu naċċettaw li jinfetaħ xi forma ta' perjodu – qasir kemm hu qasir – għall-kaċċa tal-Gamiem.**

Inselli għalik,

**Mark Sultana**
Kap Eżekuttiv

cc: Il-mezzi tax-xandir u l-istampa
cc: Il-Ministru Josè Herrera, Is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri
cc: Il-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent Karmenu Vella
cc: Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife International Patricia Zurita
cc: Id-Direttur Ġenerali tal-IUCN Inger Andersen



Address 57/28, Marina Court, Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, XBX 1120, Malta | Tel +356 2134764 5/6 | www.birdlifemalta.org | Reg. Vol. Org VO/0052